MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 912/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Deborah Farrugia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Deborah Farrugia bint Dorothy Farrugia, imwielda Pieta' fid-29 ta' Gunju 1984 u residenti 8, St Michael Street, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita' numru 346284(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

1. Fil-21 ta' Ottubru 2003 ghall-habta ta' 5.45p.m fi Triq l-Assedju l-Kbir, il-Belt Valletta, waqt li kienet qed issuq vettura Nru. CBJ-787 qasmet il-linji bojod kontinwi.

2. Saqet l-istess vettura b’ manjiera perikoluza.

3. Saqet l-imsemmija vettura Nru. CBJ-787 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja specifikata.

4. B’ hekk ma kienitx koperta b’ polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

5. Saret recidiva b’ sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 29 ta’ Marzu 2001 (Magt. Dr. M.Hayman LL.D) u fil-31 ta’ Ottubru 2001 (Magt. Dr. J. Cassar LL.D).

6. Kisret il-provedimenti ta’ l-Artiklu 9 ta’ Kap. 152 b’ sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mhassra moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta’ Ottubru 2001 (Magt. Dr. J. Cassar LL.D).

7. W’ aktar volontarjament hebbet ghal Katya Rossignaud u ikkagunatilha feriti hfief skond kif iccertifika Dr. A. Cordina M.D. ta’ Floriana Health Centre.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli jkollha jew tiehu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ Dicembru 2008 (esebit a fol. 39 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-23 ta’ April 2009 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-23 ta’ April 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputata l-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi **kollha** migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 49 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnnha ammessi u tikkundannaha multa ta’ erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tithallas f’rati mensili u konsekuttivi ta’ mija u disgha u ghoxrin ewro u erbghin ewro centezmi (€129.40) b’dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux akar tard mit-30 ta’ Mejju 2009. Fin-nuqqas li l-imputata ma thallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmi (€11.65) dovuta.

L-imputata qed tigi skwalifikata milli jkollha jew totjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------